(p) li hija instituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja li tforni flus jew tagħti kreditu permezz ta' faċilità ta' kont ta' self jew permezz ta' xi forma oħra ta' faċilità lil klijent b'konnessjoni mal-fornitura ta' prodotti jew servizzi minn terzi lil dak il-klijent għall-bini, bini mill-ġdid, tiswija, miljorament jew manutenzjoni ta' proprjetà immobbli jew għal fissi ta' immobbli li għandhom x'jaqsmu ma' dik il-proprjetà, u li tagħmel pagament għal dawk il-prodotti jew servizzi jew direttament lill-venditur jew fornitur jew lil terzi jew lill-klijent suġġett għal ftehim jew bil-kondizzjoni espressa jew miftehma li l-ammont mħallas jiġi mgħoddi lil dak il-venditur jew fornitur, billi tiddebita l-kont ta' self jew faċilità oħra tal-klijent, fuq il-bażi ta' dokumenti ta' sostenn, li jinkludu kuntratti, fatturi, irċevuti, ċertifikati tal-periti jew ċertifikati oħra jew dokumenti simili, sottomessi minn jew għan-nom tal-klijent jew minn jew għan-nom ta' forniturі, kuntratturi jew terzi oħra, u li tonqos li tinforma lill-Kummissarju bl-ismijiet u n-numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT ta' dawk il-forniturі, kuntratturi jew terzi oħra kif jingħad hawn fuq, minbarra l-klijent, li lilhom tkun għamlet direttament jew indirettament pagamenti kif speċifikat f'dan il-paragrafu, fil-forma meħtieġa mill-Kummissarju, kif ukoll tal-ammonti ta' dawk il-pagamenti, sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-kwart tas-sena kalendarja li jiġi minnufih wara l-kwart tas-sena kalendarja li fih tkun għamlet direttament jew indirettament xi pagament kif jingħad hawn fuq.

to account for that amount in his records and accounts or to pay that amount to the Commissioner;

(m) acquires possession of or deals with any goods, or accepts the supply of any services having reason to believe that the tax on the supply of the said goods or services has been or will be evaded;

(n) supplies or offers to supply to another person goods or services the acquisition or dealing with which or the acceptance of which would render that other person guilty of an offence in virtue of paragraph (m);

(p) being a credit or financial institution which supplies money or grants credit by way of a loan account facility or by means of any other kind of facility to a customer in connection with the supply of goods or services by third parties to that customer for the construction, re-construction, repair, refurbishment or maintenance of immovable property or for fixtures related thereto, and which effects payment for such goods or services either directly to the vendor or supplier thereof or to a third party or to the customer subject to an understanding or to an express or implied condition that the amount paid will be passed on to the said vendor or supplier, by the debit of the customer's loan account or other facility, on the basis of supporting documents, including contracts, invoices, receipts, architects' or other certificates, or similar documents, submitted by or on behalf of the customer or by or on behalf of suppliers, contractors or other third parties, and which fails to inform the Commissioner of the names and VAT registration numbers of the said suppliers, contractors or other third parties as aforesaid, other than the customer, to whom it has directly or indirectly made payments as specified in this paragraph, in the form required by the Commissioner, as well as of the amounts of such payments, by not later than the end of the calendar quarter immediately following the calendar quarter during which it directly or indirectly made any payment as aforesaid.

79. Kull persuna li –

(a) tfixkel, ittellef, ixxekkel jew tagħmel xi ħaġa bil-ħsieb li tfixkel, ittellef jew ixxekkel, jew iddejjaq jew tattakka lill-Kummissarju jew lil xi persuna li tkun qed twettaq kif imiss xi setgħa jew dmir lilha mogħti jew impost fuqha b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu;

(b) tkun inkarigata minn xi fond li l-Kummissarju jew persuna awtorizzata mill-Kummissarju

79. Any person who –

(a) obstructs, hinders, impedes or does anything which is calculated to obstruct, hinder or impede, or molests or assaults the Commissioner or any person duly engaged in the exercise of any power or duty conferred or imposed on him by or under this Act;

(b) being a person in charge of any premises which the Commissioner or any person

jkollha s-setgħa li tidħol fih skont l-artikolu 53(a), tonqos li tippermetti dak id-dħul mill-Kummissarju jew mill-persuna awtorizzata jew tonqos milli tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu raġonevolment meħtieġa għal għan ta' xi dħul bħal dak, jew ta' xi spezzjoni ta' dak il-fond jew ta' xi oġġetti, attiv, kotba, *records* jew dokumenti li jkunu qegħdin jinżammu hemm ġew.

80. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f 'dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b' taħrika, bl-istess mod u għamla, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali.

ċ. Għaċ-ċarezza, fejn isir ftehim ta' kompromess li jinvolvi każ fejn hemm taxxa ipperikolata skont l-artikolu 77, jiġifieri fejn it-taxxa ipperikolata tkun aktar minn €100, il-kalkolazzjoni tal-multa ta' kompromess tkun ikkalkolata skont is-sub-artikolu 84(1) flimkien ma' l-ammont ta' taxxa ipperikolata għal darbtejn, limitat għal minimu ta' €1,000.

B. Ftehim ta' kompromess skont is-sub-artikolu 84(3):

Is-sub-artikolu 84(3) jipprovdi:

"*Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), il-Kummissarju jista', f 'każ ta' reat minn xi persuna kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 76(b), 77(e), 77(f) u 77(o), jidħol fi ftehim ma' dik il-persuna, fejn min jagħmel ir-reat iħallas lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jirċievi avviż f'dan ir-rigward mill-Kummissarju dan li ġej:*

(a) mitt euro (€100) fil-każ tal-ewwel reat;

(b) mitejn euro (€200) fil-każ tat-tieni reat;

(ċ) erba' mitt euro (€400) fil-każ tat-tielet reat; u

(d) ħames mitt euro (€500) fil-każ fejn min jagħmel ir-reat u, jew xi impjegat tiegħu jew xi

authorized by the Commissioner is empowered to enter in terms of Article 53(a) fails to allow access to the said premises to the Commissioner or authorized officer or fails to take such measures as may be reasonably required of him for the purpose of any such access or of any inspection of that premises or of any goods, assets, books, records or documents kept therein,

80.(1) The provisions of articles 18, 60 and 62 of the Customs Ordinance shall apply to this Act as if all references to duties contained in those articles were references to tax due under this Act, and any person who is in contravention of the provisions of the said articles construed as aforesaid in relation to any goods whose importation is subject to tax under this Act shall, without prejudice to any liability incurred under the said Ordinance, be guilty of an offense under this Act and shall be on conviction, be liable to a fine (multa) equivalent to three times the tax payable or to a fine (multa) of three hundred and fifty euro (€ 350), which ever shall be the greater, so however that one third of the said amount shall be deemed as a civil debt due to the Commissioner, or to imprisonment for a term not exceeding two years or to both such fine and imprisonment and the offender may be either detained or proceeded against by summons, in the same manner and form, and subject to all other provisions laid down in the Criminal Code.

c. For clarity, where a compromise agreement is entered into in a case involving endangered tax in terms of article 77, i.e. where the endangered tax amounts to more than €100, the calculation of the compromise fine shall be computed according to sub-article 84(1) plus the amount of the endangered tax multiplied by two, capped to a minimum of €1,000.

B. Compromise arrangements in terms of sub-article 84(3):

Sub-article 84(3) provides:

"*Notwithstanding the provisions of sub-articles (1) and (2), the Commissioner may, in the case of an offense by any person against the provisions of articles 76 (b), 77 (e), 77 (f), and 77 (o), enter into an agreement with the offender, whereby the said offender pays to the Commissioner within fifteen days from receipt of a notice to this effect by the Commissioner the following:*

(a) one hundred euro (€ 100) in the case of a first offense;
(b) two hundred euro (€ 200) in the case of a second offense;
(c) four hundred euro (€ 400) in the case of a third offense; and
(d) five hundred euro (€ 500) in the case where the offender and, or any of his employees or

persuna oħra li tkun qed taġixxi f'isem dik il-persuna jagħmlu żewġ reati separati f'perjodu ta' sitt xhur;

u mal-ħlas ta' dik il-multa, għandha tintemm kull responsabbiltà kriminali taħt dan l-Att għar-rigward ta' dawk ir-reati li dwarhom ikun sar il-ftehim.".

a. Il-Kummissarju joffri ftehim ta' kompromess skont is-sub-artikolu 84(3) qabel ma jirrikorri għall-azzjoni fil-qorti.

b. Il-Kummissarju ma joffrix ftehim ta' kompromess skont is-sub-artikolu 84(3) fil-każ li jkun hemm taxxa ipperikolata skont l-artikolu 77 (jiġifieri fejn it-taxxa ipperikolata tkun aktar minn €100). Talba għal kompromess f'każ bħal dan tista' tiġi kunsidrata taħt is-sub-artikolu 84(1).

ċ. Ftehim ta' kompromess skont is-sub-artikolu 84(3) jista' jiġi aċċettat biss kemm-il darba l-multa ta' kompromess relevanti titħallas fi żmien ħmistax il-jum minn notifika kif preskritt. Jekk il-ħlas ma jsirx fil-ħin, ftehim għal kompromess ieħor jista' jkun kunsidrat biss taħt is-sub-artikolu 84(1).

Il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jbiddel, jemenda jew jirtira dawn il-linji gwida f'kull żmien skond il-bżonn.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

No. 1622

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-INTRAPRIŻA U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Emenda lin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1110 tal-2016

EMENDA għall-Iskema għal Unitajiet Residenzjali biex Jipparteċipaw f'Sistemi ta' Farm ta' Pannelli Fotovoltajċi Komunali 2016.

B'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1110 tal-2016 tal-11 ta' Ottubru, 2016, kif emendata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1056 tal-11 ta' Settembru, 2018, qiegħed b'din jiġi mgħarraf li fis-sezzjoni bit-titolu "kWh virtwali ġenerat", il-kliem:

"Il-benefiċċju jitħallas lill-Benefiċjarju biss, u f'każ li l-kont residenzjali tal-Benefiċjarju speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni ma jkunx għadu fuq ismu, dan il-benefiċċju jkun trasferibbli għal kont residenzjali ieħor f'isem il-Benefiċjarju jew għall-kont residenzjali ieħor speċifikat mill-Benefiċjarju.

any other person acting on his behalf is found in default on two separate occasions within a period of six months;

and upon the payment of such fine (multa), all criminal liability under this Act with regard to the offenses in relation to which the fine (multa)has been paid, shall be extinguished.".

a. The Commissioner shall offer a compromise in terms of sub-article 84(3) prior to resorting to court action.

b. The Commissioner shall not offer a compromise in terms of sub-article 84(3) in the case of endangered tax as per article 77 (i.e. where the endangered tax is more than €100). A request for such compromise could be considered under article 84(1).

c. A compromise agreement in terms of sub-article 84(3) can only be accepted if the relevant compromise fine is paid within fifteen days from the notification as prescribed. If payment is not made in time, a further compromise could only be considered under sub-article 84(1).

The Commissioner for Revenue may change, amend or withdraw these guidelines at any time as necessary.

17th December, 2021

Nru. 1622

MINISTRY FOR ENERGY, ENTERPRISE AND SUSTAINABLE DEVELOPMENT

MINISTRY FOR FINANCE

Amendment to Government Notice No. 1110 of 2016

AMENDMENT to the Scheme for Residential Households to Participate in Communal Photovoltaic Farm Systems 2016.

With reference to Government Notice No. 1110 of 2016 dated 11th of October, 2016, as amended by Government Notice No. 1056 dated 11th of September, 2018, it is hereby notified that in the section entitled "Virtual kWh generated", the words:

"The benefit shall be due to the Beneficiary personally, and in the case that the Beneficiary shall no longer be the holder of the residential account specified in the application form, such benefit shall be transferable to another residential account held in the name of the Beneficiary or to another residential account specified by the Beneficiary.

Il-benefiċċju jista' wkoll ikun trasferit 'causa mortis' lill-kont residenzjali tal-werrieta tal-Benefiċjarju."

għandhom jiġu sostitwiti mill-kliem:

"Il-benefiċċju jitħallas lill-Benefiċjarju biss, u f'każ li l-kont residenzjali tal-Benefiċjarju speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni ma jibqax il-kont residenzjali tal-Benefiċjarju, il-Benefiċjarju jista' jitlob li l-ħlas tal-benefiċċju jsir fi kwalunkwe kont residenzjali li huwa f'ismu, jew li jiġi ttrasferit għal kwalunkwe kont residenzjali ieħor f'isem parti terza, kif speċifikat minnu. Għandha tingħieb prova li l-kont residenzjali tal-Benefiċjarju speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni ma għadux il-kont residenzjali tal-Benefiċjarju, billi jintwera li l-kont residenzjali speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni ma għadux kont residenzjali, jew jintwera li dak il-kont issa huwa f'isem ta' parti terza.

Fejn il-Benefiċjarju jispeċifika kont residenzjali ta' parti terza, meta jingħataw id-dettalji ta' tali parti terza dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ffirmata li tiddokumenta l-kunsens tal-parti terza li dan isir. It-trasferiment tal-benefiċċju lil parti terza jiġi meqjus bħala ċessjoni lill-istess parti terza tal-jeddijiet kollha li l-Benefiċjarju għandu taħt din l-Iskema.

It-trasferiment tal-benefiċċju għandu wkoll isir causa mortis b'talba mill-werrieta tal-Benefiċjarju, fejn il-benefiċċju jiġi mħallas fi kwalunkwe kont residenzjali speċifikat mill-werrieta."

Is-17 ta' Diċembru, 2021

The benefit shall also be transferred 'causa mortis' to the residential account of the heirs of the Beneficiary."

are hereby replaced by the words:

"The benefit shall be due to the Beneficiary personally, provided that if the residential account specified in the application form no longer remains the Beneficiary's residential account, the Beneficiary may request that the settlement of the benefit be made to any residential account held in their own name, or be transferred to any residential account held in any third party's name, as specified by them. Proof that the residential account specified in the application form is no longer the Beneficiary's residential account shall be provided, either through showing that the residential account specified in the application form is no longer a residential account, or showing that it is now held in a third party's name.

Where a third party's residential account is specified by the Beneficiary, such disclosure of third party details shall be accompanied by a signed declaration documenting said third party's consent to this disclosure. The transfer of the benefit to a third party shall be considered to be an assignment to said third party of all rights pertinent to the Beneficiary under this Scheme.

The transfer of the settlement of the benefit shall also be requested causa mortis by the heirs of the Beneficiary, with the benefit to be settled to any residential account specified by the heirs."

17th December, 2021

Nru. 1623

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

ID-DIRETTUR Ġenerali Standards and Metrology Institute jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1623

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Director General Standards and Metrology Institute notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17.12.2021	€50.537	€0.623

Is-17 ta' Diċembru, 2021

17th December, 2021

Nru. 1624

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1624

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni ghall-liċenzja bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Lenise Chircop	208194M	30, Triq Armal, Ħal Qormi.
Lee-Anne Bartolo	26178G	Tolfa Crt, Blk B, Flat 1, Triq Tal-Latini, Għawdex
Rowen Vella	47601L	9, Veduta Apts, Flat 2, Triq il-Bardnell, San Pawl il-Baħar
Anna Vella	82975M	9, Veduta Apts, Flat 2, Triq il-Bardnell, San Pawl il-Baħar
Saviour Chircop	168657M	17, Il-Bronja, Triq Erminia Cilia Abela, Ħaż-Żabbar
Richard Carabott	507571M	7, St Anthony, Triq Dun Ġwann Tabone, Iż-Żejtun
Joseph Marmarà	342769M	Coral, Flat 6, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar
George Degabriele	83967M	14, Blk 5, Flat 1, Triq Dun Victor Cilia, Bormla
Brandon Pirotta	465298M	68, Triq San Fidiel, Il-Ħamrun
Clarissa Morales Montenegro	256227A	51, Yucca, Triq il-Kwartin, Is-Swieqi
Caze Grixti	80296M	188G, Flat 2, Triq Sant'Orsla, Il-Belt Valletta
Charlene Gharz Eddin	468087M	Seabreeze Crt, Flat 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar
Glorianne Fiteni	252976M	25, Triq San Mikiel, Il-Marsa
Josianne Mallia	143080M	77, Triq San Ġorġ, Bormla
Jovan Chuchukovski	277140A	93, Flat 2, Triq il-Balliju Guttenberg, L-Imsida
Ivin Pace	24190M	Binja Tat-Torri, Ent. A, Flat 5, Triq il-Qattus, Birkirkara
Janet Calleja	182900L	76, Triq il-Ferrovija, Santa Venera
Wilma (Guglielma) Ronayne	342265M	9, Flat 2, Triq Wenzu Dyer, Il-Birgu
Louis Gouder	103568M	33, Jessica, Flat 2, Triq Ta' Gidwet, Marsaskala
Menuka Raila	213800A	31, Charles Crt, Flat 17, Triq San Luqa, Tal-Pietà
Matthew Falzon	242893M	30B, Santa Marija, Triq Santa Katarina, Il-Gudja
Terry Grech	283585M	196, Triq il-Kapuċċini, Il-Kalkara
Kevin Fenech	106977M	6, Alexander Crt, Flat 2, Triq San Mikiel, Il-Mellieħa
George Spiteri	23772G	Casa Sta Maria, Triq Marsilja, Ta' Sannat, Għawdex
Tamer Bezzina Abo Zeid	111021L	18, Margette, Triq l-Assunta, Ir-Rabat, Għawdex
Christian Mula	130901L	30, Old Trafford, Triq il-Ħammieri, Ħal Qormi
Ivan Gafà	102092M	Ave Maria, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid
Josephine Borg	56969M	12B, Triq Braille, Santa Venera

Carmela Buttigieg	14668G	20, Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex
Maria Dolores Grech	236356M	Blk C, Flat 14, Triq l-Arzella, Birżebbuġa
Godwin Schembri	96984M	8, Triq il-Karmnu, Il-Fgura
Mladen Milutinovic	262485A	Hamptons, Blk C, Flat 14, Triq l-Isponoż, San Pawl il-Baħar
Boban Bicanin	155614A	123, Arizona Crt, Flat 6, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar
Sabin Basnet	210964A	99, Isabella, Triq Balbi, Il-Marsa
Ram Kumar Shrestha	198675A	99, Isabella, Triq Balbi, Il-Marsa
Rana Sanbtosh	269984A	85, Flat 5, Island View, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzji għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

17th December, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 76

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 76

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Il-Birgu

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2021, sa nofsillejl, u nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru, 2021, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Mina l-Kbira (żona tal-avveniment), Pjazza tal-Belt Vittoriosa (żona tal-avveniment), Triq il-Kardinal (m'hemmx aċċess għat-triq minħabba għeluq tal-Pjazza tal-Birgu), Triq Hilda Tabone (żona tal-avveniment) u Triq Nestu Laiviera (m'hemmx aċċess għat-triq minħabba għeluq tal-Pjazza tal-Birgu).

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Diċembru, 2021, mill-10.00 a.m. sal-11.30 a.m., minn madwar il-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq it-Torri ta' San Ġwann u Triq il-Mina l-Kbira.

Triq il-Mina l-Kbira se tkun magħluqa għat-Trasport Pubbliku.

In-Naxxar

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Diċembru, 2021, mis-7.30 a.m. sal-10.30 a.m., il-karreġġata tal-Kosta direzzjoni lejn St Andrews se tkun magħluqa. It-traffiku li ġej minn San Pawl il-Baħar jiġi ddevjat lejn it-Telgħa t'Alla u Ommu.

Bormla/L-Isla

Nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru, 2021, mis-6.00 a.m., sas-Sibt, 19 ta' Diċembru, 2021, f'nofsillejl, ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja minn Taraġ it-Tarznari Antiki, Triq San Piju X, Triq il-Kunċizzjoni u Triq fuq San Pawl. Trasport pubbliku mhuwiex se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Jannar, 2022, mill-5.00 a.m. sal-11.00 a.m., mill-Waterfront tal-Birgu, Triq l-Assedju l-Kbir, l-Isla, Triq Dom Mintoff, Bormla u Macina, Xatt Juan B. Azzopardi, l-Isla. It-Trasport Pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 191 tal-2021

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 184 tal-2021 dwar PEACE MED Submarine Cable Laying of Malta Branching Unit – Inshore

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 184 tal-2021

Vittoriosa

On Friday, 17th December, 2021 till midnight, and on Saturday, 18th December, 2021, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq il-Mina l-Kbira (event area), Pjazza tal-Belt Vittoriosa (event area), Triq il-Kardinal (no access to street due to closure of Pjazza tal-Birgu), Triq Hilda Tabone (event area) and Triq Nestu Laiviera (no access to street due to closure of Pjazza tal-Birgu).

Public transport will be affected.

On Sunday, 19th December, 2021 from 10.00 a.m. till 11.30 a.m., through around Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq it-Torri ta' San Ġwann and Triq il-Mina l-Kbira.

Triq il-Mina il-Kbira will be closed for Public Transport.

Naxxar

On Sunday, 26th December, 2021, from 7.30 a.m. till 10.30 a.m. the carriageway in Tul il-Kosta direction St Andrews will be closed. Traffic coming from San Pawl il-Baħar will be diverted to Telgħa t'Alla u Ommu.

Cospicua/Senglea

On Friday, 18th December, 2021, at 6.00 a.m., till Saturday, 19th December, 2021, at midnight, total clearance through Taraġ it-Tarznari Antiki, Triq San Piju X, Triq il-Kunċizzjoni and Triq fuq San Pawl. Public Transport is not effected.

On Sunday, 23rd January, 2022, from 5.00 a.m. till 11.00 a.m., through Vittoriosa Waterfront, Triq l-Assedju l-Kbir, Senglea, Triq Dom Mintoff, Cospicua and Macina, Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea. Public Transport is not effected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 191 of 2021

Amendment to Local Notice to Mariners No. 184 of 2021 re PEACE MED Submarine Cable Laying of Malta Branching Unit – Inshore

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 184 of 2021

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li minħabba kundizzjonijiet tat-temp mhux previsti x-xoghol mhux se jitlesta fil-ħin, għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, 2021.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 184 tal-2021 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviz Lokali lill-Baħħara Nru. 184 tal-2021 tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 192 tal-2021

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 12 tal-2020 Rigward ir-Rinnovar ta' Skal Biswit il-Monument ta' Tmiem il-Gwerra Bierda f'Birżebbuġa, fil-Bajja ta' Marsaxlokk

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li x-xogħlijiet ta' rinnovar fl-iskal biswit il-Monument ta' Tmiem il-Gwerra Bierda f'Birżebbuġa, fil-Bajja ta' Marsaxlokk, imsemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 12 tal-2020 tlestew.

L-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 012 tal-2020 ġie KKANĊELLAT.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 193 tal-2021

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2021 Rigward Xogħljiet ta' Tħammil ta' Manutenzjoni fil-Bajja tas-Salina

B'għal BA Chart 211D – Il-Bajja ta' San Pawl

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li x-xogħlijiet ta' tħammil ta' manutenzjoni fil-Bajja tas-Salina msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2021 tlestew.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2021 ġie KKANĊELLAT.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that due to unforeseen weather conditions the work will not be completed in time, therefore the completion date is being extended to Friday, 31st December, 2021.

Local Notice to Mariners No. 184 of 2021 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 184 of 2021 will remain valid.

Chart affected: BA 177

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 192 of 2021

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 12 of 2020 Regarding the Refurbishment of Slipway Adjacent to Cold War Memorial Monument at Birzebbuġa, in Il-Bajja ta' Marsaxlokk

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the refurbishment of slipway adjacent to Cold War Memorial Monument at Birzebbuġa in Il-Bajja ta' Marsaxlokk mentioned in Local Notice to Mariners No. 12 of 2020 has been completed.

Local Notice to Mariners No. 12 of 2020 is hereby CANCELLED

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 193 of 2021

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 69 of 2021 Regarding Maintenance Dredging Works at Salina Bay

Reference is made to BA Chart 211B – Il-Bajja ta' San Pawl

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Maintenance dredging works at Salina Bay mentioned in Local Notice to Mariners No. 69 of 2021 have been completed.

Local Notice to Mariners No. 69 of 2021 is hereby CANCELLED.

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 40 tal-2021

Chart Correction – Coastline (Ferry Landing) fid-Daħla ta' tas-Sliema fil-Port ta' Marsamxett

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li saru l-bidliet li ġejjin fil-kosta fid-Daħla ta' Tas-Sliema fil-Port ta' Marsamxett.

		Latitudni (T) *Latitude (N)*	Longitudni(L) *Longitude (E)*
Daħħal kosta ġdida, li tgħaqqad *Insert new coastline, joining*	(a)	35° 54'.524	014° 30'.310
		35° 54'.514	014° 30'.303
		35° 54'.512	014° 30'.308
		35° 54'.501	014° 30'.300
		35° 54'.496	014° 30'.309
		35° 54'.509	014° 30'.319
		35° 54'.496	014° 30'.344
	(b)	35° 54'.499	014° 30'.348

Ħassar kosta l-antika li tgħaqqad (a) sa (b) hawn fuq
Delete old coastline, joining (a) to (b) above

Chart affettwata: BA 177

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 40 of 2021

Chart Correction – Coastline (Ferry Landing) in Id-Daħla ta' Tas-Sliema at Il-Port ta' Marsamxett

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the following changes have been made to the coastline in Id-Daħla ta' Tas-Sliema at Il-Port ta' Marsamxett.

Chart affected: BA 177

Positions referred to WGS 84 DATUM

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 41 tal-2021

Merkanti Reef, Dawl Kardinali tal-Lvant – MHUX AFFIDABBLI

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li d-dawl tal-Kardinal tal-Lvant ta' Merkanti Reef iteptep malajr 3 kull 10 sekondi (mwaħħal ma' arblu) fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 55'.490	014° 29'.850

MHUWIEX AFFIDABBLI.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 41 of 2021

Merkanti Reef, East Cardinal Light – UNRELIABLE

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Merkanti Reef East Cardinal light flashing quick 3 every 10 seconds (pole mounted) in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 55'.490	014° 29'.850

IS UNRELIABLE.

17th December, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 42 tal-2021

Korrezzjoni taċ-Chart – Kosta (Ferry Landing) fid-Daħla tad-Dockyard fil-Port Il-Kbir

B'referenza għal BA Chart 177 – Portijiet tal-Belt Valletta.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li saru t-tibdiliet li ġejjin fil-kosta fid-Daħla tad-Dockyard fil-Port il-Kbir.

		Latitudni (T) *Latitude (N)*	Longitudni(L) *Longitude (E)*
Daħħal kosta ġdida, li tgħaqqad *Insert new coastline, joining*	(a)	35° 53'.017	014° 31'.233
		35° 53'.018	014° 31'.220
		35° 53'.027	014° 31'.221
		35° 53'.027	014° 31'.227
		35° 53'.039	014° 31'.228
	(b)	35° 53'.038	014° 31'.237
Ħassar kosta l-antika li tgħaqqad *Delete old coastline, joining*	(a) sa (b) hawn fuq *(a) to (b) above*		

Chart affettwata: BA 177

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-17 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 42 of 2021

Chart Correction – Coastline (Ferry Landing) in Id-Daħla tad-Dockyard at il-Port Il-Kbir

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the following changes have been made to the coastline in Id-Daħla tad-Dockyard at Il-Port il-Kbir.

Chart affected: BA 177

Positions referred to WGS 84 DATUM

17th December, 2021

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal tal-ICT

Jobsplus Permit 847/2021
Jobsplus Vacancy – (377902)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-ICT mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti mid-Direttorat tad-Data Capability jew Direttorati oħra skont l-eżiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċellenti għall-kandidati b'esperjenza edukattiva fl-Istatistika, fil-Matematika u/jew fl-Informatika.

1.2 Il-kandidat magħżul huwa mistenni li jiżviluppa u jagħti servizz ta' manutenzjoni lill-applikazzjonijiet u databases.

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of ICT Officer

Jobsplus Permit 847/2021
Jobsplus Vacancy – (377902)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of ICT Officer within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be assigned to the Data Capability Directorate or to other Directorates to meet the exigencies of the Office.

The post is an excellent career opportunity for prospective candidates with an academic background in Statistics, Mathematics, and/or Information Technology.

The successful candidate will be expected to accomplish software requirements, by developing and maintaining applications and databases.

1.3 Minbarra livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni, il-kandidat li jintgħażel irid ikollu għarfien sod tal-metodoloġiji taż-żvilupp ta' software, ħiliet fl-immaniġġjar tal-informazzjoni, u jkollu ħakma tajba tal-istrutturi u l-algoritmi tad-dejta. Il-kandidat li jintgħażel huwa wkoll mistenni li jkun teknikament kompetenti, organizzat u jkun kapaċi jwettaq xogħlu fil-ħin.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn l-2017 u l-2022, il-grad ta' Uffiċjal tal-ICT jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) u jibda minn €26,969 għas-sena 2022, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab trasferiment interna qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-ICT jinkludu li:

a. Jikkordina l-proġetti u programmi tal-IT;

b. Jeżamina l-proċeduri tal-organizzazzjoni sabiex jistabbilixxi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk dawn jiġu kompjuterizzati;

c. Jispeċifika r-rekwiżiti tas-sistema, jiddisinja s-sistema skont il-bżonn ta' min se jużaha, jittestja, u jimmodifika d-disinn tas-sistema skont kif neċessarju;

d. Jispeċifika l-istruttura għad-disinn tas-software u jimplimenta programmi li jikkonvertu speċifikazzjonijiet loġiċi għal-lingwa li tista' tiġi pproċessata minn kompjuter;

Besides an excellent level of interpersonal and communication skills, the successful candidate must have sound knowledge of software development methodologies, data handling skills and storage techniques, and have a good command of data structures and algorithms. The successful candidate is also expected to be technically competent, organised and be able to deliver on time.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of ICT Officer falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at € 26,969 for the year 2022, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family- friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

The duties of an ICT Officer include:

a. Co-ordinating specific IT projects;

b. Examining organisational and procedural practices and carrying out feasibility studies to establish the advantages and disadvantages of computerisation;

c. Specifying system requirements, designing the system according to user requirements, carrying out system testing, and modifying system design as necessary;

d. Specifying the structure for software design and implementing programs by converting logical specifications to a language that can be processed by a computer;

e. Joħloq u jittestja programmi skont kif meħtieġ sabiex b'hekk jiġu eliminati l-iżbalji tal-programm;

f. Jikteb dokumentazzjonijiet tal-programm skont l-iżvilupp tiegħu u ta' aġġornamenti futuri;

g. Jikteb rapporti u deskrizzjonijiet, jinterpreta r-riżultati tat-testijiet u jipprovdi użu-gwida tas-software żviluppat;

h. Jimplimenta proċedura ta' backup għas-sistema;

i. Jirrevedi u jiddokumenta fallimenti fis-software u jieħu azzjoni skont kif mitlub;

j. Jiżgura l-kunfidenzjalità, is-sigurtà u l-integrità tal-informazzjoni u s-sistemi kollha;

k. Isolvi problemi relatati ma' software u installazzjonijiet li ma marrux kif previst;

l. Jesegwixxi dmirijiet oħra skont kif delegat mis-superjuri;

m. Ikun konformi mal-proċeduri u regoli interni u, jekk meħtieġ, jagħti appoġġ fl-implimentazzjoni u l-moniteraġġ tal-proċeduri u regoli interni.

Rekwiżiti

5.0 L-applikanti għal dan ix-xogħol għandu jkollhom:

a. Ċertifikat fil-Livell 6ta' MQF jew ogħla f'suġġett rilevanti fil-qasam (kandidati li jkunu ġew approvati għall-għoti ta' kwalifika ta' MQF Livell 6 jew ogħla, li għadhom ma ngħatawx formalment il-kwalifika, xorta jiġu kkunsidrati diment li l-kandidati jissottomettu evidenza ta' approvazzjoni għall-għotja tal-kwalifika);

b. Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

c. Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

Sottomissjoni tad-Dokumenti Mitluba

6.0 l-applikanti għandhom jibagħtu ittra, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati, kif ukoll il-formola tal-kunsens

e. Creating and applying the testing phase to programs and modifying the programs as necessary, eliminating program errors;

f. Writing documentation of program development, and subsequent revisions;

g. Writing reports, program descriptions, interpretation of test results and user guides of the developed software;

h. Implementation of system backup procedures;

i. Reviewing and documenting software failures and taking corrective action as directed;

j. Ensuring the confidentiality, integrity and availability of all systems and data;

k. Troubleshooting any problems related to software malfunctions and installation problems;

l. Undertaking any other related duties as assigned by superiors;

m. Adherence to internal Policies, and if necessary, support in the implementation and monitoring of internal policies.

Eligibility Requirements

Applicants for this post must:

a. Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 or higher in a relevant subject area (candidates who have been approved for the award of an MQF Level 6 qualification or higher, who have not yet formally been conferred the qualification in question, will still be considered provided that candidates submit evidence of approval for the award);

b. Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

c. Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send a letter of application, curriculum vitae (cv), copies of qualification certificates and

għall-protezzjoni tad-dejta mibgħuta lill-Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettronika jew bil-posta sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, 2021.

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal tal-ICT (Permess numru 377902)'.

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-dejta tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-bord tal-għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eleġibbli jiġu evalwati mill-Bord tal-Għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

Is-17 ta' Diċembru, 2021

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Tuturi tal-Programm NWAR Part-time mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 635/2021 (it-tieni sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tal-programm NWAR part-time.

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

transcript of results and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (Central European Time) of Friday, 31st December, 2021.

6.1 Applications are to be sent electronically to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of ICT Officer'.

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the selection board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

17th December, 2021

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for part-time NWAR Tutors within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number 635/2021 (second call)

B'effett ta' dan is-sekwestru, inqabdu biss madwar €65,000, li ġew depożitati immedjatament wara l-preżentata tal-mandat, b'żewġ ċedoli tas-27 ta' Ottubru, 2020. (Ċedoli Numru 336/2020 u 337/2020). Is-somma ta' €60,000 minnhom ittieħdu minn kont personali ta' Joseph Gatt waħdu (Dokument RC13 u RC14). Peress li ma kien sar ebda depożitu ieħor, l-esponent intavolat mandat ta' inibizzjoni ieħor fl-ismijiet Road Construction Co. Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Ltd (Mandat numru 11/2021BS) liema mandat ġie definittivament milqugħ b'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2021 (Dokument RC13).

Sussegwentement, is-soċjetà Gatt Developments Limited iddepożitat garanzija bankarja fl-ammont deċiż minn din il-Qorti ta' €1,007,175 u konsegwentement ottjeniet ir-revoka tal-inibizzjoni b'digriet tat-30 ta' April, 2021 (Dokument RC14).

Minn dakinhar, is-soċjetà intimata Salvu Mintoff & Sons Ltd baqgħet għaddejja b'mod kontinwu u b'pass mgħaġġel bix-xogħol ta' tqattigħ ta' blat mill-art tal-esponenti.

Fil-25 ta' Ġunju, 2021, l-esponenti intavolat mandat ta' sekwestru ieħor (Mandat numru 85/2021BS) sabiex tikkawtela l-ammont ta' danni ulterjuri sofferti minnha b'riżultat tax-

applicant's right to claim for damages from the respondent all losses incurred in the exploitation of the site made by the respondent" (Document RC7) and then because "it has other avenues that it can choose and take in order to exercise due safeguard" (Document RC8).

Meanwhile, the respondent Salvu Mintoff & Sons Limited continued to exploit and trade the rocks from this land for its own gain. At the same time, however, it divested itself of all its assets, evidently taking an early safeguard against the eventual claims for damages incurred by the applicant. From searches conducted by applicant, the respondent disposed of all its assets in favour of Gatt Enterprises Limited in such a way that the respondent now has no more assets, but only debt (Document RC9 and RC10).

As a result, the applicant was also required to initiate an action for damages against said Salvu Mintoff & Sons Limited, and against its directors, officers and shareholders, and associated companies (Document RC11). At the same time, on October 7th, 2020, it also filed a garnishee order against the respondent, and against Gatt Development Limited, Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt, and Mariano and Mario Gatt., which garnishee order was confirmed in the amount of one million, seven thousand, one hundred and seventy-five euro (€1,007,175) by this Court by order of 18th December, 2020 (Document RC12).

As a result of this garnishee order, only around €65,000 were seized, which were deposited immediately after the submission of the garnishee order, by means of two schedules of deposit of the 27th October, 2020. The sum of €60,000 of which was taken from a personal account of Joseph Gatt alone (Document RC13 and RC14). As no further deposit was made, the applicant filed a warrant of prohibitory injunction in the names Road Construction Co. Ltd v Salvu Mintoff & Sons Ltd (Warrant number 11/2021 BS) which was definitively acceded to by decree of this Court of 16th March, 2021 (Document RC13).

Subsequently, Gatt Developments Limited lodged a bank guarantee in the amount decided by this Court of €1,007,175 and consequently obtained the revocation of the injunction by decree of 30th April, 2021 (Document RC14).

Since then, the respondent company Salvu Mintoff & Sons Ltd has carried on continuously and at a steady pace with the work of cutting rocks from the land of the applicant.

On 25th June, 2021, the applicant filed another garnishee order (Garnishee number 85/2021 BS) in order to safeguard against the amount of further damage sustained by it as a

xogħol ta' tqattigħ ta' blat mid-data tas-sekwestru tas-7 ta' Ottubru, 2020 (Sekwestru numru 98/2020. L-ammont ta' danni ta' €3,389,875 ġie determinat mill-Perit Ġanni Saliba (Dokument RC15) fuq survey eżegwit mis-Surveyor Louis Attard (Dokument RC16). Minn dan is-sekwestru ġie mnaqqas l-ammont stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti bid-digriet tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2020.

Sal-lum, u għalhekk erba' xhur u nofs wara, ġiet depożitata biss is-somma ta' €130,599.09 (qabel l-ispejjeż biċ-ċedola numru 178/2021 (Dokument RC16) li minnha €122,947 kienet ta' pertinenza ta' Gatt Enterprises Limited u s-somma ta' €2,664.09 biss kienet ta' pertinenza tal-intimata Salvu Mintoff & Sons Ltd. Biċ-ċedola l-oħra numru 187/2021 (Dokument RC17) ġiet depożitata s-somma ta' €1,776.31 ta' pertinenza tas-soċjetà intimata Salvu Mintoff & Sons Ltd. Dawn l-ammonti ġew depożitati fis-16 ta' Lulju, 2021, u fit-22 ta' Lulju, 2021, rispettivament u l-ebda ammont ieħor ma ġie depożitat kif jidher minn riċerki fis-sistema elettronika tal-Qorti (Dokument RC18).

Jinsab għalhekk pruvat mill-ġdid, tal-anqas sal-livell prima facie, li l-esponenti mhu se jkollha ebda mod kif tissodisfa l-pretensjonijiet tagħha fil-mertu, kemm għar-rivendika tal-art appartenenti lilha, li m'għadhiex teżisti kif ħaditha b'ċens, u anke għar-rimbors tal-qligħ li se tkun ġiet imtellfa illegalment u b'abbuż, ħlief billi din il-Qorti tilqa' dan il-mandat. L-irrimedjabbiltà tal-preġudizzju ġja inkors mill-esponenti issa huwa konfermat mill-eżitu tal-mandat ta' sekwestru intavolat minnha kontra l-intimata, u l-assoċjati tagħha.

F'dan il-kuntest kollu, l-esponenti għandha interess iżżomm b'mod immejdat lill-intimata milli tkompli għaddejja bix-xogħlijiet fl-art imsemmija, u dan sabiex ma jkomplix jikber il-preġudizzju irrimedjabbli tal-esponenti. Il-jedd ta' rivendika tal-esponenti fir-rigward ta' ħwejjigha, arbitrarjament ikkapparrati u meqruda mill-intimati għall-vantaġġ finanzjarju esklussiv tagħhom, diġà huwa preġudikat definittivament, mingħajr id-disponibbiltà ta' rimedju effettiv, u jekk din il-Qorti ma toħroġx definittivament dan il-mandat, id-drittijiet fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha u għal rimedju effettiv kif protetti bl-artikoli 13 u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) se jkomplu jiġu miksura b'mod permanenti. Jekk l-esponenti tingħata raġun fil-mertu fil-kawża li ilha pendenti diġà kwazi tliet snin, mhux se jkollha mod kif tirkupra ħwejjiġha kif kienu meta ġew użurpati għad-dannu tagħha mill-intimati. Mill-banda l-oħra, jekk jintlaqa' dan il-mandat, l-intimata mhu se tbati assolutament xejn, għaliex l-art u kulma fadal fiha li jista' jitqatta', jinħadem u/jew jiġi negozjat, se jibqa' hemm għad-disponibbiltà sħiħa ta' min jiġi rikonoxxut li għandu jedd jaħdmu u jieħdu meta jiġu deċiżi l-proċeduri fil-mertu.

result of the rock-cutting work from the date of the garnishee order of 7th October, 2020 (Garnishee Order number 98/2020. The amount of damages of €3,389,875 was determined by Architect John Saliba (Document RC15) on a survey carried out by Surveyor Louis Attard (Document RC16). Out of this attachment, the amount set by this Honourable Court by its order of 18th December, 2020, has been deducted.

So far, and therefore four and a half months later, only the sum of €130,599.09 has been deposited (prior to the costs) by means of schedule of deposit number 178/2021 (Document RC16) of which €122,947 belonged to Gatt Enterprises Limited and only the sum of €2,664.09 belonged to the respondent Salvu Mintoff & Sons Ltd. By means of the other schedule of deposit number 187/2021 (Document RC17) the sum of €1,776.31 belonging to Salvu Mintoff & Sons Limited was deposited. These amounts were deposited on 16th July, 2021, and 22nd July, 2021, respectively and no other amounts were deposited as evidenced by searches in the electronic data system of the Court (Document RC18).

It is therefore proved again, at least up to the prima facie level, that the applicant will have no means of satisfying its substantive claims, both for the claim of the land belonging to it, which no longer exists as it was taken on lease, and also for the reimbursement of profits which will have been unlawfully and abusively lost, except that this Court upholds this prohibitory injunction. The irreparability of the damage already suffered by the applicant is now confirmed by the outcome of the garnishee order filed by it against the respondent, and its associates.

In all this context, the applicant has an immediate interest in preventing the respondent from continuing with the works on the land in question, in order not to further increase the irreparable prejudice of the applicant. The applicant's right to claim in respect of his property, arbitrarily seized and destroyed by the respondents for their exclusive financial advantage, is already definitively prejudiced, without the availability of an effective remedy, and if this Court does not definitively issue this prohibitory injunction, the fundamental rights of the applicant for the peaceful enjoyment of its possessions and for effective redress as protected by Articles 13 and 1 of the First Protocol to the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms (Cap. 319 of the Laws of Malta) will continue to be permanently violated. If the applicant is proved right in the case that has been pending for almost three years, it will not have a way to recover its property as they were when they were usurped to its detriment by the respondents. On the other hand, if this warrant is granted, the respondent will suffer absolutely nothing, because the land and all that is left on it that can be cut, worked and/or traded will remain intact and at the full disposal of those who are recognized as having the right to work when the proceeding are decided on their merits.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija, huwa meħtieġ għalhekk li din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' dan il-mandat kontra l-intimata b'mod immedjat.

Av. Phyllis Aquilina; Av. Alessandro Lia
162, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455

Rikorrenti: Road Construction Co. Ltd, Tarmac Plant, Żebbuġ Road, Ir-Rabat, Għawdex

Intimata: Salvu Mintoff & Sons Ltd, 53, Triq il-Kapuċċini, Ir-Rabat, Għawdex

Illum it-12 ta' Novembru, 2021

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' … bħala xhud tal-identità, u ppreżentat minn Victor Hili (karta tal-identità numru 57362G) b'dsatax-il (19) dokument anness.

(iffirmat) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

B'digriet tat-12 ta' Novembru, 2021, il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament u ordnat notifika lis-soċjetà intimata b'erbat ijiem żmien għar-risposta filwaqt li appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-19 ta' Novembru, 2021, fis-2.45 p.m.

Is-smigħ tar-rikors issa qiegħed differit għall-14 ta' Jannar, 2022, fl-10.30 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex.

Maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti ta' Għawdex, illum 14 ta' Diċembru, 2021

DORIANNE CORDINA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali (Għawdex)

In the mentioned circumstances, it is therefore necessary for this Court to order the issuance of this warrant against the respondent with immediate effect.

Adv. Phyllis Aquilina; Adv. Alessandro Lia
162, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455

Applicant: Road Construction Co. Ltd, Tarmac Plant, Żebbuġ Road, Victoria, Gozo

Respondent: Salvu Mintoff & Sons Ltd, 53, Triq il-Kapuċċini, Victoria, Gozo

Today is the 12th day of November, 2021

Confirmed before me on oath after reading the contents and in the presence of … as a witness of identity, and presented by Victor Hili (identity card number 57362G) together with nineteen (19) attached documents.

(signed) Daniel Sacco
Deputy Registrar

By virtue of a decree of 12th November, 2021, the Court provisionally upheld the request and ordered service on the respondent company conceding it four days for its reply, whilst scheduling the application for hearing for 19th November, 2021, at 2.45 p.m.

The hearing of this application is now adjourned for the 14th January, 2022, at 10.30 a.m. at the Gozo Courts.

Issued by the Gozo Court Registry, today 14 December, 2021

DORIANNE CORDINA
Deputy Registrar
For the Registrar Courts and Tribunals (Gozo)

1908

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Diċembru, 2021, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament numru tlieta (3) mmarkat bl-ittra 'E', sitwat fit-tielet sular li jifforma parti minn blokka ta' appartamenti bin-numru 253 u 255, Triq D'Argens, Il-Gżira, suġġett u jgawdi servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu, bi dritt tal-użu perpetwu tal-partijiet komuni tal-blokk u liema partijiet jinkludu l-entratura tal-blokk, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ sal-bejt, il-lifs u l-lift

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th December, 2021, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 15th March, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment number three (3) marked letter 'E', situated on the third floor level forming part of a block of apartments number 253 and 255, Triq D'Argens, Gżira, subject and enjoys active and passive servitudes resulting from its position, with perpetual usage right of the common block areas and which areas include the block entrance, the stairs and stairwell up till the roof, the lifts and the lift shaft and

shaft u d-dritt tal-użu tal-bejt biss biex jinstallaw u jmantni tank tal-ilma u television aerial jew satellite dish fuqu bi dritt ta' aċċess għal bejt f'ħinijiet raġonevoli għal skop ta' manutenzjoni tal-istess servizz, u b'aċċess dirett mill-partijiet komuni minn Triq D'Argens, servuti bil-lift li għadu mhux installat, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000)

the right of usage of the roof only to install and maintain the water tank and television aerial or satellite dish on it, with right of access to the roof in reasonable hours for maintenance of same services. The apartment has direct access from the common areas from Triq D'Argens, served with a lift not yet installed, free and unencumbered, with all its rights and appurtenance, and valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Nawafleh Abdallah Ahmed (KI 24907A).

The said tenement is the property of Nawafleh Abdallah Ahmed (ID 24907A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 56/2019.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 56/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2021

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th December, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1909

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-28 ta' Mejju, 2021, fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2831) vs Wayne Cassar (KI 75878M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Wayne Cassar, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 28th May, 2021, in the records of the Warrant of Eviction, in the names Bank of Valletta plc (C2831) vs Wayne Cassar (ID 75878M) the following publication was ordered for of service of the respondent Wayne Cassar, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (Rikorrent) Bank of Valletta plc (C2833) vs (Intimat) Wayne Cassar (KI 75878M) fil-11 ta' Ġunju, 2020, ir-rikorrenti Bank of Valletta plc talbet bil-qima:

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Bank of Valletta plc (C2833) vs (Respondent) Wayne Cassar (ID 75878M) on the 11th June 2020, the applicant Bank of Valletta plc asked respectfully:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

That this Honourable Court order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and whereas the respondent failed to do this till this day.

Fond: Maisonette fis-second floor immarkat bin-numru 75 u bl-isem 'Kimron' sovrapost għall-blokk ta' garaxxijiet u sovrapost għal-maisonette ieħor proprejtà ta' George u Carmen miżżewġin Ciappara jew is-suċċessuri fit-titolu liema maisonette qiegħed ġewwa Santa Venera, fi Triq l-Erbatax ta' Novembru qabel magħrufa bħala Triq Ġdida bla isem ġja Triq Abela li tagħti għal Triq Ġużè Pace, liema maisonette flimkien ma' proprejtà oħra huma mibni fuq plot numru sebgħa u tletin (37), il-maisonette għandu s-sistema tad-drains tal-ilma u drenaġġ komuni mal-proprejtà l-oħra fl-istess blokk, bi dritt ta' aċċess mill-proprejtà sottostanti għal skop ta' manutenzjoni u riparazzjoni, il-maisonette huwa suġġett għas-servitù ta' twieqi u ilma tax-xita, katusi tad-drains u drenaġġ huma suġġett għas-servitù u jgawdi

Premises: Maisonette on the second floor marked with number 75 and with the name 'Kimron' overlying a block of garages and overlying another maisonette property of George and Carmen spouses Ciappara or their successors in title which maisonette is in Santa Venera, in Triq l-Erbatax ta' Novembru prevously known as Triq gdida without name previously Triq Abela abutting on Triq Ġużè Pace which maisonette together with other property are built on plot number thirty seven (37) , the maisonette has the water drains and drainage system in common with the other property in the block, wth a right of access from the underlying property for the purpose of maintenance and repair the mainsonette is subject to the servitudes of windows and rain water, drains and drainage pipes and is subject to the servitude and

dawk is-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu, kif aħjar deskritt f'dan il-mandat u stmat li jiswa mija u disgħin elf ewro (€190,000.00).

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi bis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti, kif imsemmi fir-rikors ta' hawn fuq hemm l-ordni għall-iżgumbrament tal-intimat mill-fond fuq imsemmi.

U wara li tagħmel dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Moghti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD.

Rikorrenti : Bank of Valletta (C2833) 1/5, Palace Square, Il-Belt Valletta

Intimat: Wayne Cassar, 75, Casa Kimron, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Santa Venera
Illum 17 ta' Ġunju, 2020

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Diċembru, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

enjoys those servitudes resulting from its position , as better described in this warrant and valued to cost one hundred ninety thousand euro (€190,000.00).

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas in virtue of the judgement given by this Court, as mentioned in the above application there is the order for eviction of the respondent from the premises above mentioned.

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court, First Hall, with the witness of the Mr Justice Toni Abela, LLD.

Applicant: Bank of Valletta (C2833) 1/5, Palace Square, Valletta

Respondent: Wayne Cassar, 75, Cadsa Kimron, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Santa Venera
Illum 17 ta' Ġunju, 2020

Registry of the Superior Courts, today 15th December, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1910

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Novembru, 2021, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C 2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Livell -1, Biswit l-Arkivju, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

F'ristorant f'livell terran b'sular taħt l-art taħt parti mill-livell terran u mill-front garden bl-isem Cote d'Azur Restaurant ġewwa Triq tal-Buttar, kantuniera ma' Triq Sant'Antnin, Marsaskala, eskluża l-arja u sottostanti appartamenti residenzjali ta' terzi, mibnija fuq plots innumerati mitejn u ħdax (211), mitejn u tnax (212) u mitejn u tlettax (213), formanti parti mill-art magħrufa bħala 'Il-Barumbara' sive 'Il-Magħluq', konfinanti mat-Tramuntana ma' Triq Sant'Antnin, mal-Lvant ma' triq ġdida bla isem

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd November, 2021, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 27th January, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Level -1, Nearby the Courts Archives, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Restaurant on groundfloor level, with an underground level with parts under the groundfloor level and the front garden named Cote d'Azur Restaurant in Triq tal-Buttar, corner with Triq Sant'Antnin Marsaskala, excluding its airspace and underlying third party residential apartments built on plots numbered two hundred and eleven (211), two hundred and twelve (212) and two hundred and thirteen (213), forming parts on the land known as 'Il-Barumbara' sive 'Il-Maghluq', bounded on the north by Triq Sant'Antnin, on the

u mal-Punent ma' proprjetà ta' Barumbara Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, jew il-konfini aktar preċiżi, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif deskritt fil-kuntratt tal-akkwist tal-għaxra ta' Settembru, elf disa' mija tnejn u disgħin (10.09.1992) fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone u stmat għal miljun u tmien mitt elef ewro (€1,800,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Geomike Limited (C8820).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

east by a new unnamed road and on the west by property of Barumbara Limited or its successors in title, or other correct boundaries, with all its rights and appurtenances, as better described in the contract of acquisition of tenth September, one thousand nine hundred and ninety two (10.09.1992) in the acts of Notary Dr Joseph Tabone and is valued at one million and eight hundred thousand euro (€1,800,000).

The said tenement is the property of Geomike Limited (C8820).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2020.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th December, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1911

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ottubru, 2021, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' Frar, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament li qiegħed fuq l-ewwel (1) sular (first floor), internament immarkat bin-numru wieħed (1), formanti minn blokk ta' żewġ appartamenti, liema blokk ta' appartamenti għandhom in-numru uffiċjali ta' tnejn u ħamsin (52), bl-isem 'Ivory', sovrastanti blokk ta' garaxxijiet u ħanut fil-pjan terran, li jappartjenu lil terzi ġewwa Triq Lia, Ħaż-Żabbar, kif suġġetti għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€13.98) parti minn ċens annwu u perpetwu akbar ta' disgħa u għoxrin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€29.26), rivedibbli fl-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa u erbgħin (01.01.2047), bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, u jinkludi parti diviża tal-bejt inkluża l-arja kif ukoll kamra tal-bejt hekk kif murija fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-ħamsa u għoxrin ta' Ottubru, elfejn u sebgħa (25.10.2007) fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef, bid-dritt tal-passaġġ fuq il-parti l-oħra tal-bejt għal skopijiet ta' aċċess biss, inkluż is-sehem indiviż tal-partijiet maħsuba għall-użu komuni flimkien mas-sidien l-oħra tal-imsemmi blokk, bl-obbligu li s-sidien jikkontribwixxu sehmhom prorata għal manutenzjoni u riparazzjoni tal-partijiet komuni u ma jingomrawx il-partijiet komuni b'effetti personali, u dan kif spjegat aħjar fil-kuntratt fl-atti

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th October, 2021, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 8th February, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment situated on the first (1st) floor, internally marked number one (1), forming part of a two block apartment, which block of apartments are officially numbered fifty two (52), named 'Ivory", overlying a block of garages and shop on ground floor level belonging to third parties, in Triq Lia, Ħaż-Żabbar, subject to the rate of annual and perpetual ground rent of thirteen euro and ninety eight cent (€13.98) part of a larger annual and perpetual ground rent of twenty nine euro and twenty six cent (€29.26), rivisible on the first January, two thousand and forty seven (01.01.2047), with all its rights and appurtenances, including the divided part of the roof including its airspace as well as the washroom as better shown in the plan in the contract dated twenty fifth October, two thousand and seven (25.10.2007) in the acts of Notary Bartolomeo Micallef, with the right of passage to the other roof area for access purposes only, including the undived share of the areas intended for the common use together with the other owners of the same block, with the obligation that the owners contribute the pro rate share for maintenance and repair of the common areas and to not obstruct the common areas with personal effects, as better described in the contract in the acts of Notary Pierre Cassar dated thirty-first October,

tan-Nutar Pierre Cassar datat wieħed u tletin ta' Ottubru, elfejn u tlieta (31.10.2003), stmat li jiswa mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Montebello Carlo (KI 38575M) u Montebello Silvana (KI 447375M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 27/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

two thousand and three (31.10.2003), valued at two hundred and fifty thousand euro (€250,000).

The said tenement is the property of Montebello Carlo (ID 38575M) and Montebello Silvana (ID 447375M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 27/2020.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 15th October, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1912

ARB/C023/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Novembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 198/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

FLORINDA SULTANA, taħdem fil-catering, ta' 29 sena, bint Mark u Odette xebba Goodlip, imwielda Tal-Pietà, Malta, fis-27 ta' Settembru, 1991, residenti ġewwa Blk J, Fl 5, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 491291M.

NESVAN COMPANY LIMITED;

U

MS1 CATERING LIMITED;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputata FLORINDA SULTANA sabiex tittrasferixxi fondi favur id-difensur legali tagħha għas-servizzi provduti, liema fondi għandhom jiġu żbankati mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata li jispiċċa -2204 li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid

ARB/C023/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 17th November, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 198/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

FLORINDA SULTANA, works in catering, 29 years, daughter of Mark and Odette née Goodlip, born in Tal-Pietà, Malta, on the 27th September, 1991, residing at Blk J, Fl 5, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija, and holder of Maltese identity card bearing number 491291M.

NESVAN COMPANY LIMITED;

AND

MS1 CATERING LIMITED;

The Court AUTHORISES the accused FLORINDA SULTANA to transfer funds in favour of her defence counsel for services rendered, which funds are to be withdrawn from the bank account listed in the name of the accused ending in -2204 held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a

u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD), fit-12 ta' April, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' April, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' FLORINDA SULTANA, Nesvan Company Limited u MS1 Catering Limited.

Illum, 15 ta' Diċembru, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LLD) on the 12th April, 2021 which was published in the Government Gazette on the 16th April, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to FLORINDA SULTANA, Nesvan Company Limited and MS1 Catering Limited.

Today, 15th December, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1913

ARB/C044/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 196/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, maniġer u direttur, ta' 30 sena, iben Vincent u Carmen xebba Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-19 ta' Awwissu, 1991, residenti ġewwa 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 416691M.

U

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat KEITH TESTA sabiex iħallas lil terzi partijiet hekk kif imsemmija fid-digriet tal-Qorti ddatat 6 ta' Diċembru, 2021, is-somma ta' tnax-il elf u ħames mitt euro (€12,500) mill-kont tal-bank li jispiċċa -9282 intestat f'isem l-imputat KEITH TESTA u terza persuna miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-

ARB/C044/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th December, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LLD). Compilation Number 196/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, manager and director, 30 years, son of Vincent and Carmen née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta, on the 19th August, 1991, residing at 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara and holder of Maltese identity card bearing number 416691M.

AND

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

The Court AUTHORISED the accused KEITH TESTA to pay third parties as listed in the Court decree dated 6th December, 2021, the sum of twelve thousand, five hundred euro (€12,500) from bank account ending -9282 which is held by the accused KEITH TESTA and a third party with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds

Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD), fit-23 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Carlos Dimech, KEITH TESTA, u Pietà Marina Caterers Limited.

Illum, 15 ta' Diċembru, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 23rd June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Carlos Dimech, KEITH TESTA, and Pietà Marina Caterers Limited.

Today, 15th December, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1914

ARB/C095/2021 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Novembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD). Kumpilazzjoni Numru 726/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Justine Grech)
(l-Ispettur Tonjoe Farrugia)

Kontra

MELCHIOR PORTELLI, jaħsel il-karozzi, ta' 24 sena, iben Charles u Pauline xebba Ellul, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-5 ta' Awwissu, 1997, residenti ġewwa l-fond 37, Triq il-Għaqda, Ħal Qormi, u/jew Redentur, Triq is-Serkin, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 305997M.

LOREDANA AGIUS;

U

LYDON PORTELLI, jaħsel il-karozzi, ta' 18-il sena, iben Charles u Pauline xebba Ellul, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-5 ta' Diċembru, 2003, residenti ġewwa l-fond 37, Triq il-Għaqda, Ħal Qormi u/jew Redentur, Triq is-Serkin, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 434803L.

ORDNAT iż-żamma f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flejjes u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MELCHIOR PORTELLI u LYDON

ARB/C095/2021 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 18th November, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (il-Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD). Compilation Number 726/2021, in the case:

The Police
(Inspector Justine Grech)
(Inspector Tonjoe Farrugia)

Versus

MELCHIOR PORTELLI, car washer, 24 years, son of Charles Portelli and Pauline Ellul née Ellul, born in Tal-Pietà, Malta, on the 5th August, 1997, residing at 37, Triq il-Għaqda, Ħal Qormi, and/or Redentur, Triq is-Serkin, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 305997M.

LOREDANA AGIUS;

AND

LYDON PORTELLI, car washer, 18 years, son of Charles Portelli and Pauline Ellul née Ellul, born in Tal-Pietà, Malta, on the 5th December, 2003, residing at 37, Triq il-Għaqda, Ħal Qormi, and/or Redentur, Triq is-Serkin, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 434803L.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MELCHIOR PORTELLI

PORTELLI u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, iwiegħdu, jipotekaw jew jibdlu jew jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnhom, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MELCHIOR PORTELLI u LYDON PORTELLI u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil kull wieħed mill-imputati MELCHIOR PORTELLI u LYDON PORTELLI li jirċievu l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputati jindikaw lill-Qorti huma stess minn liema kont jkunu qed jipperċepixxu l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illi d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat Lydon Portelli ġie rrevokat permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja preseduta mill-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD.

Illum, 16 ta' Diċembru, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

and LYDON PORTELLI and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to MELCHIOR PORTELLI and LYDON PORTELLI and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED each of the accused MELCHIOR PORTELLI and LYDON PORTELLI to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken or the accused themselves may indicate to the Court from which account they are perceiving the moneys indicated.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 22A, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

That the ban on the publication of the accused Lydon Portelli's name has been lifted through decree dated 15th December, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry presided by Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras,LLD.

Today, 16th December, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603